MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 339/2004

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijet tal-assikurat taghha Nazzareno Azzopardi u l-istess Nazzareno Azzopardi**

**vs**

**Michael Butler**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Frar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u tletin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm230.76) rapprezentanti danni kaguanti f'incident awtomobilistiku li sehh f'Misrah ir-Raheb, Tarxien, fit-8 ta' Marzu 2003 u lli fih kienu nvoluti l-vettura GAJ 116 misjuqa mill-konvenut u l-vettura FBB 902 propjeta' tal-attur Nazzareno Azzopardi, ghall-liema ncident kien unikament responsabbli l-attur.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali interpellatorja u ta' dik prezentata kontestwalment mal-Avviz a tenur tal-Kap 104, bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali, kontra l-konvneut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li l-habta in kwistjoni ma sehhitx b'tort tieghu izda b'tort tas-sewwieq l-iehor involut.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Edmond Zammit Laferla, ta' Nazzaareno Azzopardi, ta' PC 663 Jean Paul Schriha, ta' Anna Azzopardi, Rhoda Azzopardi, Doris Cassar, Franco Grech, tal-konvenut Michael Butler, ta' Leo Butler u ta' Natallino Agius. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partjiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilsitku li sehh fit-8 ta' Marzu 2003, f'Misrah ir-Raheb, Hal-Tarxien bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBB 902 misjuqa mill-attur Nazzareno Azzopardi u assikurata taht polza tat-tip comprehensive mas-socjeta' attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAJ 116 misjuqa mill-konvenut.

L-attur Nazzareno Azzopardi xehed li dakinhar tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBB 902 fi Triq ir-Raheb, Hal-Tarxien. Kien hemm vettura wieqfa fil-genb man-naha tal-lmin tieghu u malli qabez din il-vettura hass daqqa fil-bieba ta' wara ma-nha tas-sewwie. Azzopardi jispjega li huwa kien qed jipprocedi ghad-dritt u fuq sajdu fil-mument li qala' d-daqqa. Il-hsara fil-vettura ta' Azzopardi kienet tikkonsisti fil-bieba ta' wara tan-naha tal-lemin li kienet mghatna. Azzopardi jispjega li t-triq fejn sehh l-inxindet hija wiesgha bizzejjed sabiex jghaddu zewg vetturi komodament. In kontro-ezami Azzopardi qabel li l-vettura tal-konvenut ma kienitx wieqfa thares dritt il-quddiem izda kienet angoalta lejn ix-xellug.

Il-konvenut xxehed li dakinhar tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAJ 116, kien gej mid-direzzjoni ta’ Tal-Barrani, dar lejn ix-xellug u ried jerga’ jaqsam fuq ix-xellug. Huwa waqaf man-naha tal-emin tat-triq peress li t-triq hija pjuttost dejqa u ma setghax jghaddi minhabba vann li kien hemm parkeggjat kif jidher fir-ritratt esebit a fol. 85 tal-process u ried jara kienux gejjin karozzi qabel ikompli jipprocedi. Il-konvenut isostni li kellu l-brake lights mixghulin u lli huwa hares quddiemu u warajh sabiex jara humiex gejjin vetturi u malli qala’ sab il-vettura msijuqa mill-attur ma wiccu. Huwa ikkonferma li minn Misrah ir-Raheb jghaddu zewg vetturi magenb xulxin. In kontro-ezami il-konvenut ikkonferma li kien laqat il-vettura l-ohra fuq il-bieba ta’ wara izda cahad li din il-vettura kienet diga’ ghaddiet minn hdejh meta sehh l-impatt u spjega li huwa ma laaqatx il-vetura l-ohra fuq quddiem ghaliex dawwar l-isteering wheel sabiex jipprova jevita l-habta. Il-konvenut qal ukoll li meta hares lura kellu vizwali ta’ tul ta’ erba’ vetturi u li qabel ma qala’ huwa ma kien ra lil hadd gej minn dik id-direzzjoni.

Mil-provi prodotti miz-zewg partijiet, u senjatament mix-xhieda tal-konvenut stess, jirrizulta ampjament li l-incident de quo sehh unilkament tort tal-konvenut. L-attur Nazzareno Azzoparrdi kien ghaddej ghall-affari tieghu fuq sajdu u l-konvenut qala’ minn posizzjoni wieqfa ma genb tat-triq minghajr ma zamm a proper lookout ghall-vetturi li kienu qed ghhaddejjin fit-triq. Huwa fil-fatt jikkonferma li meta hares warajh, u cioe’ fid-direzzjoni ta’ fejn kien gej l-attur, kellu vizwali fit-tul ta’ madwar erba’ vetturi u dan ghahekk ifisser li huwa ma ezercitax il-kawtela rikjesta minn sewwieq prudenti ghaliex altrimenti kien jinduna bil-vettura ta’ Azzopardi qed tipprocedi fit-triq. Mill-hsara riportata fiz-zewg vetturi fil-fatt jirrizulta li l-vettura tal-attur kienet kwazi qabzet il-vettura tal-konvenut meta qalghat id-daqqa. Il-hsara fil-vettura tal-attur kienet tikkonsisti fil-bieba ta’ wara li kienet mghatna.

Il-konvenut ikkontesta wkoll il-quantum tad-danni reklamati. Minn ezami tal-provi kollha prodotti mill-atturi fir-rigward it-Tribunal jinsab soddisfatt li l-hsarat gew

kagunati fl-incident de quo u huma perfettament kompatibbli mad-dinamika ta' kif sehh l-incident. Jidher lli l-atturi ssodisfaw pjenament l-obbligu taghhom ta' dannegjati li jiminimizzaw id-danni. Inoltre l-konvenut ma ressaq ebda prova intiza sabiex tikkontradici l-provi prodotti mill-atturi fir-rigward.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u tletin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm230.76), bl-imghax pagabblli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------